# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tmien Sena** **Ġunju 1938** **Għadd 88**

**1d.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Triq San Pawl — Il-Belt.

# RIGALI SBIEH U RHAS

---

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba atigħha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil*; *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*, u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

ĠUNJU 1938 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 88

# FI LSIENNA L-GĦAQDA TAL-MALTIN

Jiġu waqtijiet fil-ħajja tal-bniedem, kif ukoll fil-ħajja ta' poplu, li fihom aktar qawwi jinħass it-tqanqil tar-ruħ, ix-xgħil tal-qalb u t-tħeġġiġ tal-moħħ. Donnu li xi qawwa moħbija titqajjem ġo ruħna, taħkimna u tixgħel fina ħsebijiet ta' għamil kbir u tnissel ġo qalbna xewqat ta' kobor bla tarf. Din il-qawwa hi l-bidu tal-kobor tal-bniedem u tal-ġnus.

Waqt bħal dawn hu ż-żmien li għaddej bħal issa fuq Malta. Malta donnha stenbħet minn nagħsa twila. Ħasset xi ħaġa tqanqalha, tħeġġigħha b'nar li jaħraq bla ma jeqred. Rat dawl kbir u bgħid, u f'dak id-dawl lemħet jiddi u jilma l-kobor tagħha. Għajta kbira u qawwija, għajta li tifraq is-sħab u taqsam l-ibħra, ħarġet minn ruħ Malta: "Ħielsa twelidt, ħielsa rrid ngħix, u ħielsa rrid immut. Bgħid minni l-jasar tal-barrani ! Jien Maltija u Malti jkun ilsieni !"

Ħassejnieha aħna dik il-għajta f'ruħna żagħżugħa, u, bħalkieku maħkumin minn seħer, tħażżimna għal taqbida ħarxa mal-għadu ġiefi tal-fehmiet qodma, mal-għadu li serqilna jeddna u jassarna. Konna ftit, imma konna żgħażagħ qalbiena; konna mheddin, imma l-ħaqq kien magħna; konna mħabbtin, imma fuq rasna kien jiddi d-dawl tal-ħelsien.

U dik il-għajta xterdet u nstemgħet tidwi mal-gżira kollha, u l-qlub kbar ħassuha, laqgħuha, u ngħaqdu flim-

kien għat-taqbid u għar-rebħ; ngħaqdu biex jaħdmu u jnisslu ħajja ġdida, ħajja kbira, ħajja mifdija mill-għajb tal-imgħoddi, imdawwla u msaħħna mix-xemx tal-ħaqq li feġġet fuq Malta.

U dik il-għajta qasmet l-ibħra, waslet l-Eġittu, daħlet Tunes, ġriet kull fejn hemm Maltin, u kullimkien qanqlet qlub oħra u xegħlithom bil-ħeġġa tar-rebħa tal-lsien Malti. Twaqqfu għaqdiet, tħeġġu żgħażagħ, inkitbu kotba, ħarġu gazetti; xegħlet kullimkien il-ħedma mqanqla minn dik il-għajta ta seħer' li ħarġet minn ruħ Malta, u llum kotra bla għadd ta' żgħar u kbar marbutin bir-rabta tal-lsien Malti, magħqudin qishom bniedem wieħed, saru l-bidu ta' ħajja ġdida li għad trid tikber, tissaħħaħ u titqawwa biex tiflaħ tagħleb u tirbaħ kull għadu li jittarraf imewwitha.

U dik il-għajta kbira għadha tinstama' tidwi ma' kullimkien. Ħażin għalih min jerfa' idu biex joħnoqha! Il-leħen tar-ruħ hu l-kelma tas-sewwa u s-sewwa għandu jirbaħ. Għalxejn il-għajta mejta ta' ruħ marida tfittex li tibqa' tinstama' u taħkem din il-gżira ħielsa. Aqwa mit-tfixkil ħajjen, aqwa minn kull dnewwa mistura jew diehra hija l-għajta li ħarġet minn ruħna, li rabtitna, li għaqqditna, li waħħditna mal-ħaqq u mas-sewwa, ġieħ tal-bniedem u dawl tal-ħolqien.

Maltin ta' Malta u ta' barra minn Malta, ngħaqadna għax ruħna ħasset il-ħtieġa li ningħaqdu. Ngħaqadna bis-saħħa tal-lsien tagħna li hu biċċa minn ruħna nfisha, li hu l-ħajja ta' ruħna. U biex il-għaqda tkun aktar utiqa, saħħaħna r-rbit billi tajna demm ġdid lil ilsienna. Għedewwa li jfittxu li jżarrdu u jaqtgħu r-rbit tagħna b'kitba mħassra għad baqa'. Imma bħalma wieħed marid bil-mard irqiq għalxejn jissielet mal-mewt, li fl-aħħar taħfnu u trażżnu għal dejjem, hekk jiġrilhom l-egħdewwa ta' lsienna li, b'qalbhom maħsusa bil-mard tal-mibegħda, jissieltu ma' għadu wisq aqwa minnhom sa ma fl-aħħar jaqgħu mifnijin u tellefin; u jkun il-għajb il-ħlas tagħhom.

# Stenna sa Għada

Jekk int ħabrikt, għanett, u ħlomt li b'għarqek
Tikseb il-kbir, il-qawwi, wis-sabiħ;
Jekk tlajt bil-ħila li hi tiegħek l-għolja
Tal-ħajja mwiegħra, u ma xegħelx, ferrieħ,
Id-dawl mixtieq, id-dawl li jleħħ fil-bniedem,
Stenna sa Għada: id-dell igħib fid-dija
Li 'l bogħod qed tfiġġ għalik. Ofroq il-ħajja,
Fil-ħsieb, fil-qalb, fir-ruħ b'tama qawwija.

Jekk int żagħżugħ f'moħħok tiddi l-imħabba,
U d-dawl li tħobb jitbiegħed ma' kull ħin;
Jekk int żagħżugħ li dinja ħielsa togħġbok,
Dinja li tisker fil-ġenn tad-daqq u ż-żfin;
Jekk int żagħżugħ mixtieq li tibni isem,
U twelli l-ħsieb miktub lil ta' warajk,
Stenna sa Għada: għada sseħħ ix-xewqa,
U 'l min darba ħabbejt tħaddan f'dirgħajk.

Jekk ħabibek l-imrar, jekk il-mibegħda
U l-għira titrod ma' kull pass li tmidd,
Żomm sħiħ fil-fehma li jum jisbaħ hieni,
Is-sliem isaltan kif int xtaqt u ridt;
U jekk il-mewt iżżurek ġewwa darek,
La titlifx rasek, la tisħetx xortik,
Tħallix in-niket u... lill-qabar jirbħek,
Id-dinja u min jirtek jidħak bik.

Stenna sa Għada. Fuq il-ħerba siekta
Li tħalli wrajha x-xita, titla' x-xemx,
In-Natura, omm ħanina, tieħu l-ħajja,
Ġmiel u ferħ kullimkien, oħla ma hemmx.
Tgħaddi l-mewġa tad-dieqa li jassritek,
Ħafif ħafif; tirbaħ kull hemm, kull bagħda,
Jekk tliġġem xewqtek, u bil-ħlewwa tlissen
Lill-qalb li tibki ġewwa: Stenna sa Għada.

Ġużè Chetcuti

20—4—38

# Amor Vitæ*

Għalfejn il-Mewt, Mulej ? Ara, ħaddejja
Sfaru bil-biża' u, ġo qalbi, karba
Tingħi bi dwejjaq kbar. Jekk kemm-il darba
Immut, kif nista', għidli nerfa' għajnejja
Madwari u nitgħaxxaq Bik ? Minn ħdejja
Itiru għalxej l-għasafar; lanqas bil-ħarba
Tas-sħab bħal gawwi l-bogħod bin-nir imxarrba
Ruħi ma teħla; 'mma l-jiem, Mulej, għaddejja.

X'ħajr fih il-ġisem mejjet, il-widnejn
Li l-art issodd bit-trab fi dlam il-qabar;
O, kemm aħjar il-ħajja taż-żgħużija !
Għax jekk hi tmut kif jistgħu il-għajnejn
Jagħtuk tifħir meta, f'April, il-ħabar
Minn tar-Rebbiegħa jixgħel bis-sbuħija ?

Ġużè Aquilina.

*Mill-Ingliż tiegħi*

# STEDINA

*Fil-Magħmudija ta' Ġużeppi-Marija Darmanin*

Dak in-nhar li kelli mmur fid-dar ta' ħabib tiegħi, mistieden għal ferħ ta' magħmudija li kellu jsir hemmhekk, jien hejjejt ruħi siegħa qabel għax, minn qaddisi, ma nħobbx inħalli 'l min jistennieni. Qbadt il-karozza għal Bormla, qgħadt wara nett, tfajt minkbejja fuq irkobbti, wiċċi fuq keffet idejja, u l-ħsieb, bħal kobba mħabbla, beda jagħmel tiegħu.

Kont għadni daqsxejn 'il bogħod mid-dar fejn kont mistieden. Fit-trieq deherli qed nilmaħ sarbut twil ta' nies weqfin. Ersaqt fuq l-eqreb wieħed lejja u staqsejtu x'kienu qegħdin jagħmlu hemm. "Qegħdin nistennew l-imgħammed". U, billi bqajt inħares miblugħ lejh, żied: "Jien dak li ħsibt għall-ħelu u x-xorb tal-magħmudija." Meddejt riġli 'l quddiem, meta waħda li kienet quddiem tal-ħelu, qaltli: "U jien inbigħ il-ħwejjeġ tat-trabi." Ta' qabilha qalli: "Jiena bejjiegħ il-ġugarelli". Imbagħad, wieħed wara l-ieħor deherli rajt lil tal-ħalib, tal-ħaxix, tal-bajd, u tal-frott. U hemm il-ħassiela, tal-mogħdija, il-ħajjat, l-iskarpan, tal-ħwejjeġ ta' l-ilbies u xidd ir-riġlejn, il-parrukkier u tal-merċa. Kien hemm ukoll l-ispiżjar u t-tabib; l-imgħallmin ta' l-iskola u dawk tad-dutrina, is-Surġent tal-Pulizija ħalli jniżżel isem l-imwieled ġdid fil-lista ta' l-imweldin u tas-Saħħa ħalli jara jekk hux imlaqqam.

Iżjed 'l hemm imbagħad.... ftaħt għajnejja. Kont wasalt Bormla inżilt mill-karozza. Ma kontx irqadt, ma kontx ħlomt. Kont ġibt quddiem għajnejja kemm nies u ħwejjeġ u xogħol jinħtieġu lill-bniedem għal din id-daqsxejn ta' ħajja li jrid igħaddi hawnhekk.

Wasalt f'dar l-imwieled. Wara li għamilt dmiri ma' niesu, qgħadt nistenna li jġibuh mill-Knisja. Ma domtx.

Ġgajta nies, kbar u żgħar, irġiel u nisa fuq wiċċhom jiddi dawl l-imħabba u l-hena. Quddiem, il-majjistra. Fuq dirgħajha kellha ġmiel ta' tarbija—li kienet għadha kemm żiedet il-għadd ta' l-ixirka ta' Nazaret—bl-isem ta' Ġużeppi-Marija.

Tlajna.

L-Omm, Alla jbirikha, sfajra imma ferħana, b'qalbha mlebilba, għat-tarbija, newwlet dirgħajha ħalli tilqa' fihom lil

binha ħlejju. U f'dak il-ħin wiċċha xegħel, fommha tbexxaq kemm kemm u tbissem; insiet it-tbatijiet kollha li għaddiet minn għalihom, insiet kollox, ħsiebha biss fil-ħajja ġdida li kienet qiegħda tħaddan magħha. Ma kenitx tibdlu ma' l-aqwa Saltna tad-dinja. Missieru xejn anqas ma kien hieni u għal qalbu daqs kieku rebaħ l-aqwa ħaġa fid-dinja. Kulħadd daħkan u ferħan. Iżda jiena, f'rokna ilmaħt mara oħra li, għalkemm siekta, nista' ngħid li kienet hienja u ferħana daqs l-Omm. Kienet Omm l-Omm. F'għajnejha kont taqralha qalbha. Wiċċha kien jixhed x'kien għaddej minn moħħha. Hija wkoll f'dak il-ħin insiet it-tiġrib kollu li omm tista' ġġarrab għal bintha li tkun qiegħda tistenna l-wild. Dik il-bniedma donnha ma kenitx tixba' titgħaxxaq b'dik id-dehra tara l-frott wil-frott tal-frott tagħha qawwijin u sħaħ.

L-omm meddet it-tarbija fuq is-sodda ħdejha. U t-tarbija baqgħet ma tniffsitx. Qaluli li xejn ma kien iħabbathom iċ-ċkejken Ġużeppi. Għalaqt għajnejja mitluf f'kotra ta' ħsebijiet u, ta' sikwit, quddiem moħħi, ma nafx il-għala, bdejt nara Saċerdot Għoli b'salib tad-deheb imdendel ma' għonqu jbierek lin-nies hu u għaddej....

Hawn twerżiqa ġagħlitni nħares lejn it-tarbija. Il-majjistra kienet qiegħda tbiddillu ħwejġu. Iżda donnu Ġużeppi ma riedx li jneħħulu dawk il-ħwejjeġ li bihom il-Knisja laqgħetu fi ħdanha.

"Spiċċatlek il-festa" qaltlu l-majjistra.

Iva—għalkemm ma daq xejn minn dak kollu li kien hemm, il-festa saret b'rieħitu u ħadd minna, meta nikbru, ma ngergru jekk, tkun saritilna xi festa fil-magħmudija, għalkemm lanqas biss niftakru fiha imma jisgħob bina jekk għal xi *imma* jew oħra nsiru nafu li dil-festa ma saritilniex. Imma l-akbar festa ta' Ġużeppi-Marija kienet saritlu meta ħaduh fil-maqdes u hemm il-Knisja laqgħetu u għożżitu bħala binha, u ebda Nisrani żgur qatt ma jindem li, mingħajr ma jkun jaf, ikunu għammduh.

FREDU FARRUĠ

Malta, 26-4-38.

# Fil-Laqgħa ta' Hitler ma' Mussolini f'Ruma

Paċi jew Gwerra? Qed tistaqsi mbeżżgħa
Id-dinja tħares lejn id-dittaturi;
Fil-waqt li Ruma, minn kull werqa mneżżgħa,
Fuqhom qed titfa' fjuri, fjuri, fjuri!

Jifraħ il-Poplu xħin jar'hom għaddejja,
U għal warajhom bħal miġnun jiġġerra,
'Ma ġewwa qalbu mewġa demm b'inkejja
Ittenni dan il-kliem: Paċi jew Gwerra?

Paċi jew Gwerra? Għala qed tistaqsi,
Ja Poplu twajjeb, din l-aħbar lil ruħek?
Xortik ma hix f'idejk: stenna bħal ħabsi
L-amar li għandu lejn żmien ġdid isuqek.

Inti biss ċapċap, għajjat, xejjer driegħek,
Ixħet il-ward fuq il-ħakkiema tiegħek.

ĠORĠ PISANI

# Maskra tal-Gass

Maskra tal-Gass, għalkemm int wisq ħanina,
U mħabba f'hekk kulħadd iroddlok qima,
Noboghdok jien, għaliex ix-xebh tagħtina
Li jibdel il-wiċċ tagħna f'wiċċ ta' bhima.

M'hix ħtija tiegħek: għall-bnedmin miġnuna
Li ċaħdu l-ħniena lil xulxin għal dejjem,
Xejn m'hu aħjar ħlief li jiftiehmu annuna
Li jibdlu s-sura tagħhom f'dik ta' bhejjem.

Hemm biss ħażin li f'dan il-bniedem waqa'
Meta bil-għerf hu sar hekk kbir u għani,
Li rebaħ kull tfixkil li miegħu ltaqa'
U ħoloq il-vapuri u l-ajruplani.

Maskra tal-Gass, tgħid Darwin kien jaf bik,
U rana lkoll xadina ġewwa fik ?

ĠORĠ PISANI

# Il-purtinar tal-Bank Telson

*(Maqlub mit-"Tale of Two Cities" ta' Dickens.)*

Fil-bieb tal-Bank Telson — u qatt minnu l-ġewwa, jekk mhux imsejjaħ minn xi ħadd,—bil-qiegħda fuq siġġu bla dahar, kien ikun hemm raġel ta' xogħol imgerfex, li kien daqqa jagħmilha ta' reffiegħ u daqqa ta' messaġġier, miżmum hemm mill-Bank bħala sinjal tal-ħajja tad-dar. Waqt il-ħin tax-xogħol qatt ma kien jonqos li ma jkunx hemm, jekk mhux mibgħut b'xi aħbar, meta kien iħalli floku ibnu ta' tnax-il sena, li fix-xebħ ta' wiċċu kien missieru l-maħluq. Laqmu kien Cruncher, u wara li f'żgħożitu kien ħalla x-xogħol ta' bil-lejl fil-knisja ta' Houndsditch, kienu tawh isem ieħor ta' Jerry.

Ix-xena kienet id-dar ta' Mister Cruncher Hangingsword-alley, Whitefriars; il-ħin, is-sebgħa u nofs ta' għodwa mirjieħa ta' Marzu, *Anno Domini* elf, seba mija u tmenin. (Mister Cruncher kien dejjem isejjaħ is-sena tas-sinjur tagħna *Annu Dominoes*, milli jidher mingħalih li l-era nisranijabdiet mill-invenzjoni ta' logħba magħrufa, hekk imsemmija minn mara li kienet ħolqitha).

Id-dar ta' Mister Cruncher ma kenitx fi nħawi sbieħ, u kienet magħmula minn żewġ kmamar biss, jekk waħda minnhom li kien fiha tieqa żgħira bi żġieġa waħda ngħodduha bħala kamra; imma kienu miżmuma tajjeb ħafna. Għalkemm kien għadu kmieni, il-kamra kienet diġa mnaddfa; u bejn il-kikkri lesti għall-kolazzjon u l-mejda, kienet mifruxa biċċa nadifa daqs il-karti.

Mister Cruncher kien rieqed taħt kutra mraqqgħa donnu Arlekkin. Għall-ewwel kien raqad fil-fond, imma bil-mod il-mod beda jitqalleb u jitrambal fis-sodda sa kemm tala' fil-wiċċ, b'xagħru mqajjem donnu jrid iċarrat il-lożor bċejjeċ. Malli qam qal b'leħen inkurlat: "Nirrak tinbala'! sa tarġa' tibda?!"

Mara ta' xeħta bieżla u meqjusa f'għemilha, qamet minn għarkubtejha f'rokna tal-kamra b'ħeffa u rogħda biżżejjed biex turi li l-kelmiet ta' Cruncher kienu ntqalu lilha.

"Xinhu!" raġa' qal Mister Cruncher, waqt li kien ifittex żarbuna taħt is-sodda, "sa tarġa' tibda eh?!"

Wara li sellem 'il-jum b'din it-tieni tislima, tefgħalha ż-żarbuna bħala t-tielet waħda. Kienet żarbuna kollha tajn, għax ħaġa tal-għaġeb, għalkemm Mister Cruncher kien, fil-għaxija, jidħol id-dar biż-żarbun nadif, dana fil-għodu kien jisbaħ kollu mċappas bit-tajn.

"Xinhu!" qal mill-ġdid Mister Cruncher b'leħnu mbiddel, wara li kien tefgħalha ż-żarbuna u ma kienx laqatha. "X'kont tagħmel hemm Aggerawaiter?"

"Ma kontx ħlief nitlob."

"Kont titlob eh! Inti tassew mara tajba! Xi trid tgħid int, billi titfattar fl-art u titlob kontrija."

"Jien ma kontx nitlob kontrik; kont nitlob għalik."

"Mhux tassew! U mqar kieku kien hekk, ma rridekx titlob." U hawnhekk dar lejn ibnu li kien jismu bħalu u qallu: "Ħares 'l hawn Jerry iċ-ċkejken, ommok tassew mara tajba billi tiċċaftar fl-art titlob kontra r-riżq ta' missierek. Għandek omm tassew li taf x'inhu d-dmir tagħha. Għandek omm tassew qaddisa: tintefa' fl-art titlob biex il-ħobż ikun misruq minn ħalq binha l-waħdieni."

Cruncher iż-żgħir (li kien bil-qmis biss) iddispjaċih għal dan, u ħares biċ-ċiera lejn ommu u widdibha biex ma titlobx kontra ħobżu.

"U kemm taħseb li jiswa dan it-talb tiegħek", issokta jgħid Mister Cruncher, "Li kellek tbiegħhom xi kemm tagħmilhom?"

"It-talb jiġi mill-qalb. Ma jiswiex iżjed minn hekk."

"Ma jiswiex iżjed minn hekk? Mela ma jiswiex wisq. Imma jiswa jew ma jiswiex ma rridekx titlob. Ma jistax ikun li nħallik. Ma rridx inkun sfortunat minnħabba fik. Jekk trid titmiegħek fl-art titlob, itlob għalija u għal ibnek u mhux kontrina. Li kieku jiena ma kellix mara tassew maqluba, u li kieku dan it-tifel ma kellux omm tassew ħażina, kieku dawn l-aħħar ġimgħat ma kontx inkun daqshekk bla xorti fin-negozju tiegħi. Il-mniegħel!" qal mister Cruncher waqt li kien jilbes, "bejn it-talb ħażin tagħha u x-xorti ħażina tiegħi ma għamiltx ħabba ma' tul din il-ġimgħa. Jerry ċ-ċkeiken isa ilbes, u kull tant agħti daqqa t'għajn 'l ommok u jekk taraha titlob sejjaħli malajr." U hawnhekk raġa'dar lejn martu u qalilha: "Għax isma' hawn, jiena miniex sa nħallik sejra b'dan il-mod. Ġismi jqarmeċ daqs ta' karozza mċafelqa, u norqod daqs il-loppju, għax dawn l-aħħar jiem tant ħdimt u tħabatt li l-anqas naf li għandi ġismi kieku mhux għax inħossu juġagħni; u ma' dan kollu ma għamiltx ħabba; u għalhekk naħseb li inti kont lejl u nhar titlob kontrija."

U waqt li ssokta jgemgem; "Inti ma titlobx kontra żewġek u ibnek...." u jitfa' kliem niggieżi bħal dan minn taħt il-mitħna tal-korla tiegħu, naddaf malajr iż-żarbun u llesta biex joħroġ għax-xogħol. Sadattant ibnu li kellu xagħru ftit inqas iebes minn ta' missieru u li kellu għajnejh qrib lejn xulxin bħal tiegħu qagħad jieħu ħsieb ommu. Kultant kien jaħsadha, billi joħroġ

jiġri mill-kamra tiegħu fejn kien jinħasel u jgħidilha: "Sa tibda titlob ma. Pa, Pa," u kien jarġa' jidħol f'kamartu jidħak daqs xadina.

Il-korla ta' Mister Cruncher kienet għadha ma birdetx meta wasal biex jieħu l-kolazzjon: Huwa kien jobgħod jara 'l martu titlob qabel ma tiekol.

"X'sa tagħmel hemm Aggerawaiter? sa tarġa' tibda?"

Martu qalet li kienet sa titlob il-barka t'Alla.

"Ma rridek titlob xejn!" qal Cruncher waqt li berraq għajnejh l-hawn u l-hemm fuq il-mejda donnu stenna l-ikel idub minn quddiemu. "Ma rridekx toħroġni bit-talb minn hawn u ġġiegħel il-ħobż itir minn quddiemi. Oqgħod siekta'.

Għajnejh ħomor donnu kien imqajjem il-lejl kollu ma' xi kumpanija xorbana, Jerry Cruncher aktarx li bala' l-ikel tiegħu milli kielu, igorr il-ħin kollu bħal bhima selvaġġa fuq l-ikel tagħha. Għal xi d-disgħa biddel daqsxejn il-buri tiegħu u telaq għax-xogħol. *

WIĠI PORTELLI

* Jerry Cruncher, bil-lejl, kien imur iċ-ċimiteru ma' xi ħbieb tiegħu u jaqla' l-katavri biex jeħdulhom dehebhom.

# It-truf jiltaħqu

Kien filgħaxija, ftit qabel inżul ix-xemx. Wara jum xogħol fuq il-kotba ħriġt biex nagħmel mixja qasira u hekk inserraħ ftit rasi u nħaddem ftit ġismi. L-arja kienet ħiemda u fietla. L-aħħar dija tax-xemx kienet titnikker fuq l-għelieqi sofor tax-xgħir li laħaq għall-ħsad. Xi ħaddiema kienu reġgħin lejn id-dar.

Kont miexi b'mixja ħafifa, nħares bla ma naħseb. F'daqqa waħda tgħaddi minn ħdejja ħafifa bħar-riħ *motor* żgħira bi tnejn min-nies ġo fiha. Bla ma ridt ħarist lejha. Rajtha tnaqqas il-ġiri, tieqaf, u minnha joħorġu raġel u mara. Ġratilhom xi ħsara ?

Kienu ingliżi. Il-mara kienet żagħżugħa, sabiħa, xofftejn qrollin, liebsa qasir u ħafif u b'maktur aħmar f'rasha marbut taħt geddumha. Id-dehra xejn ma laqtitni. Nisa bħal dawn illum hawn ħafna. Iżda laqatni dak li rajt wara. Mara tar-raħal bil-maktur f'rasha, bil-kmiem imxammrin sa minkbejha, ħafja, kienet ġejja mill-għalqa. Xħin waslet ħdejn il-mara ingliża, li kienet wieqfa ħdejn il-*motor*, ħarset lejha, ħarsu lejn xulxin, donnhom stagħġbu b'xulxin.

Bqajt miexi u naħseb. Żewġ nisa, li fil-ħajja tagħhom xejn ma jaqblu ma' xulxin, ltaqgħu wiċċ-imb-wiċċ, ħarsu lejn xulxin, stagħġbu b'xulxin bla ma ntebħu kemm kienu jixxiebħu fi lbieshom. It-tnejn kienu bil-maktur f'rashom, it-tnejn b'dirgħajhom mikxufiin, It-tnejn b'saqajhom għerjin għalkemm waħda kellha qorq abjad sabiħ f'riġlejha u l-oħra kienet ħafja. Għaliex stagħġbu ?.. .... Għax raw il-lbies tagħhom jew il-moda tagħhom fuq nies ta' qatgħa oħra ? Ħasset ruħha mkabbra l-mara tar-raba tara mara ingliża sabiħa b'rasha mistura fil-maktur bħalha ? Jew ħasset ruħha mniggża l-mara ingliża tara mara tar-raba' tisraq l-aħħar moda tal-maktur tar-ras u tiżżejjen bih bħalha ?

Ma nafx x'kienu jaħsbu dawk iż-żewġ nisa, li forsi ma ħasbu xejn, imma jien ġieni f'rasi dal-ħsieb: Kemm hu minnu li t-truf jilħqu 'l xulxin ! Dawk iż-zewġ nisa kienu fiż-żewġt itruf tas-sensiela li huma midmumin fiha l-bnedmin kollha. Waħda ġejja mix-xogħol, l-oħra tiġri f'karrozza; waħda mikduda mill-ħsebijiet tad-dar, l-oħra bla ebda ħsieb li jkidd ir-ruħ; waħda liebsa mdendel, l-oħra liebsa sabiħ, waħda maħruġa bix-xemx, l-oħra tarja bħal xitla tad-dell. Imma d-dinja, donnha biex tidħak bil-bniedem, xħin jidhrilha, iddawwar dawra s-sensiela li ddomm il-bnedmin u ż-żewġt itruf, li qabel kienu mbegħdin li ma jarawx 'l xulxin, issa resqu ma' xulxin, messu wieħed mal-ieħor . . . . u l-mara sablħa bil-maktnr f'rasha ġiet wiċċ ma' wiċċ mal-mara tar-raba hi wkoll bil-maktur f'rasha,

S

# Xejn mingħajr "Imma"

Donnha ħaġa m'nn awl id-dinja
Donnha ħaġa mill-ħolqien:
Fost in-nies, bhejjem, miżergħa
Fl-art ġo'l baħar, kullimkien...,
Saħansitra l-ward bix-xewka !
Kollox sewwa "ħadd u mkien" !

Tixhdu l-ġrajja:—Fl-ewwel newba
U tberkıla tad-din tagħna,
Meta Kristu ta' ħajjitna,
Minn kull għajb niżel jerfagħna,
Qal lir-rżuli:—Ħallu fl-għalqa
Fost il-qamħ, titla' s-sikrana, -

X'nagħmlu, mela, jekk kull naħa
li nimirhu l-ħarsa rżina
Ta' għajnejna jew ta' qalbna
Biex is-sħana tax-xemx bnina
Lilna tgennen, ħajta rqiqa
Ta' xi mqata, tolqot fina ?

Naqtgħu qalbna ?—U jekk Alla,
Ta' dal-qasam mill-ġardin
Jogħġbu jaħtar l-isbaħ warda
Bl-oħla fwieħa, biex henjin
Lilha u lilek, f'ħajja annuna,
Jorbot f'għoqda ma xulxin ?

—Taqta' qalbek u tirrofta
Dan il-ġieħ ta' fejda u saħħa ?
—Roddlu l-ħajr, itolbu s-sedqa,
Medd idejk, il-warda aqtagħha,
Bi fwieħitha u ġmielha tfarraġ...
Tqanna Wkoll Bix-Xewka Tagħha.

R. M. B.

# Il-"League of Nations"

(SUNETT)

*(Lill-ottimista V. G. Griffiths)* (1)

Għaqda fejjieda: ħsieb sabiħ u mfaħħar;
Ħsieb u fehmiet imqanqla mill-imħabba,
Minn rieda tajba, għalkemm din dan l-aħħar,
Minn nies ta' setgħa ġiet bil-qerq imtabbgħa:

Għaqda tal-Ġnus: għaliha kien li baħħar
Wilson fl-Ewropa, fejn il-ġlied kien trabba,
Minn art twelidu, għalkemm ftit imwaħħar,
Sabiex lil ġnus fil-ġid dan jara mxabbgħa.

Għaqda tal-Ġnus, kun int, kif bdejt, ir-rabta
Li ma tinħallx u la b'theddid jew dnewwa;
Rabta ta' għaqda, ta' ftehim, dawlija:

Għaqda tal-Ġnus li tħobb il-ħaqq, qawwija,
Li tista' trażżan f'ġieħ is-sliem u s-sewwa
Lil min iqanqal gwerra ħabta u sabta.

MARJU AGIUS

Villa Lija

---

(1) Is-Sur V. G. Griffiths li fil-kitba dawlija tiegħu "Moħtar lil Żmenijietna" f'"Leħen il-Malti" għadd 58, semma t-tqanqil ta' xi ħadd u r-rieda tajba ta' xi ġnus biex gwerer ma jsirux. M. A.

# Kotba ġodda

GINO MUSCAT AZZOPARDI, *Anġli tan-Niket*, faċċ. 196, The Empire Press, 1938.

L-ewwel ktieb tal-Ġabra ta' kitba Maltija li beda joħroġ it-tabib Ġuże Bonnici. Ir-rumanz jeħodna fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi f'Malta u mbagħad f'daqqa waħda fi żmien il-pesta li xegħlet hawn Malta fis-sena 1813.

Il-fond tar-rumanz hu bħal ta' *Nazju Ellul*. Fil-wieħed u l-ieħor niltaqgħu mal-istess nies; il-Kanonku Caruana u Dun Mikiel Xerri; Lorenzi u sħabu tal-konfeffa. Iżda fuq dak il-fond hi minsuġa ġrajja li tolqot il-qalb. Ġanni, bniedem mill-agħar, kien widna tal-Franċiżi. Ried jaqbad il-Professur Xerri. Kif jagħmel? Kellu bintu, xebba sabiħa u xebba tajba, li fuqha tefa' għajnejh wieħed żagħżugħ midħla ta' Dun Mikiel. Il-missier ried li bintu tagħtih il-wiċċ lil dak iż-żagħżugħ biex titkixxef minn għandu x'isir u x'jingħad għand Dun Mikiel. Ix-xebba, li kienet għadha ma tafx xinhi mħabba, regħxet, ma ridetx, imma beżgħat mill-qilla ta' missierha u għalhekk darba fit-triq tat ħarsa liż-żagħżugħ. Feraħ dan, rabba l-ħila u kellimha. Hi baqgħet bierda, imma wara ftit bdiet tinbet fiha wkoll l-imħabba. Staqsietu kull ma ried jitkixxef missierha; iż-żagħżugh mogħmi mill-imħabba tkixxef, iżda beża' jgħidilha x'sama'. L-imħabba għaqqdithom aktar. Il-konfeffa nkixfet, Dun Mikiel u sħabu kienu maqtulin. Anġlu, ż-żagħżugħ li kienet tħobb Anna, qabeż mit-twieqi tal-Imħażen, ġie fuq il-blat u baqa' mejjet. Anna ħadd ma jaf x'sar minnha, iżda fi żmien il-pesta terġa' tidher liebsa ta' soru, qisha anġlu li jfarraġ il-bnedmin f'dak iż-zmien tan-niket.

Ir-rumanz jogħġobna. Għalkemm il-ġrajja ewlenija, li ddur kollha ma' Anġlu u Anna, ma hix ta' kobor tal-għabeb, madankollu tħoss fiha xi ħaġa li tolqtok, li tirbħek bi ħlewwa qawwija, li tgħaxxqek. Żewġ żgħażagħ jinħabbu, ħaġa ta' kull jum. Imma kif saret tħobb Anna? Maħqura minn missierha kienet imġiegħla turi li tħobb bla ma kienet tħobb. Taqbida ħarxa ma' ruħha! Imma fl-aħħar l-imħabba rebħitha, u taqbida aktar qalila xegħlet ġo fiha. Anġlu tkixxef is-segriet tal-laqgħat għand Dun Mikiel, l-imħabba lagħbitu, imma x-xebba ma reditx tisma' dak li hu tkixxef bid-dnewwa. L-imħabba lejn dak iż-żagħżugħ rignitha għal kollox, u saret aqwa mit-theddid kiefer ta' missierha. U hekk din l-istorja ta' żewġt iqlub safja tingħażel mill-ġrajja ta' mħabba ta' kuljum, li jitwieldu u jmutu bla ma jintebaħ bihom ħadd u tidħol fil-qasma tal-ġrajja li tisthoqqilhom tifkira.

Anna u Anġlu huma ħolqien ta' moħħ il-kittieb, żewġ karattri maħdumin tajjeb, sbieħ it-tnejn, il-waħda aktar mill-ieħor.

Naħsbu li l-qari tal-provi sar xi ftit bil-għaġla għaliex baqa' kemm il-kelma miktuba ħażin: faċċ. 20 *l-orħa = l-oħra*. faċċ. 34 *aptu - abtu, sogħbih = sogħob bih*; faċċ. 82 *ġibet = ġibed*. Ħafna ħafna verbi, li jmisshom għandhom it-tieni konsonanti mtennija, għandhom waħda nieqsa, hekk: faċċ. 16 *resqet* u *resqitlu = ressqet* u *ressqitlu*; 18 *naqsulha = naqqsulha*; 28 u 30 *iċċaħdu = iċċaħħdu*; 50 *tħarketx = tharrketx*. Ma jogħġobniex: *jkunu mpjiegati* (faċċ 9); *ġew imċaħħdin* (10); *ġie mwissi u mwidded* (18); *li ħtief il-mewt ma tberredx u tkessaħ* (18).

Issa nistennew bil-ħerqa t-tieni wieħed: *Taħt tliet Saltniet* ta' Ġ. Aquilina. Kull min iħobb il-Malti jqisu dmir tiegħu li jissieħeb f'din il-Ġabra.

***Billi qegħdin jaslulna ħafna traduzzjonijiet, inwissu lill-kitieba biex kemm jista' jkun ma jibagħtux ħlief kitba oriġinali.***

ĦAREĠ IR-RUMANZ

# ANĠLI TAN-NIKET

MIKTUB MINN

ĠINU MUSCAT AZZOPARDI

L-EWWEL WIEHED FIL-

## ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

# Lehen il-Malti (Università)

*KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GHAT-TAGHLIM*

TISHIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d*. IL-GHADD

GHAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAHHAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR TAL-KBAR U Ż-ZGHAR

**KONDIZZJONIJIET**

**Kull imsieheb li ma jġeddedx it-tishib sa wara ghadd li jkun wasallu mhux imhallas, ismu jithassar mill-kotba taghna.**

**Kull kitba li tinbaghat ma titreġġax lura u lanqas ma jinghataw fehmiet privati bil-miktub dwar xoghlijiet letterarji mibghuta.**

**Lehen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u ghalhekk il-kitba ta' dawn tiehu l-ewwel post.**

**Il-kitba ta' barranin li ma tlahhaqx sa fejn jitlob il-ġurnal tithalla barra minghajr ma tinaghta l-ebda raġuni**

**Il-kitba ta' nies mhux maghrufa jew imharrġa bizzejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.**

**Kittieba barranin m'ghandhomx jibghatu kitba li tiehu iżjed minn tliet faċċati.**

**Lehen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi haġa iżjed minn Malti safi—sengha u koltura.**

**Meta kitba tidher fuq isem b'iehor l-editur ghandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.**

**Lehen il-Malti jiżżi hajr lill-hbieb kollha li jxerrduh fost dawk li ghad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jghinuna nkabbru l-ghadd ta' l-imsehbin.**

**Ittri u kitba letterarja ghandhom jinbaghtu :**

**EDITUR, LEHEN IL-MALTI (Università)**
**Empire Press, 266, Triq San Pawl,**
**Il-Belt.**

## Tisħib

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, Il-Belt.**